*Hekk lil ommha bi tnehida,*
*Qalet tfajla ta' tliet snin,*
*Waqt li kienet sejra torqod*
*F'lejl tax-xitwa mill-waħxin.*

*Aħna wkoll, Alla, ngħajtulek*
*Bħal dit-tifla ta' ftit żmien,*
*Għax mingħajrek kollox dalma,*
*Waħx u biża' kullimkien.*

*Inti waħdek xemx li ssebbaħ,*
*Inti biss turina t-triq.*
*L-għerf tad-dinja qerq u frugħa,*
*U triqatha għawġ u żliq,*

Dun Karm

## LIL SANT WISTIN

*Għaliex stqarrejt li dnibt, fittixt l-imħabba*
*fejn ma sibthiex, fil-ġisem, fl-għerf, fil-fama;*
*għax kellek għatx u ġuħ li xejn ma xabba'*
*u kont mitluf fi sqaqijiet mudlama;*

*għax dejjem ħabbejt 'l ommok, qimt lil ħbiebek,*
*u sibt it-triq tas-Sew minn fomm ta' tfajjel*
*nistħajlek bħali w donni naħseb ħsiebek*
*imma d-dawl t'Alla fik ma nafx nistħajjel;*

*ma nafx inħoss il-ħerqa li ħeġġitek,*
*ma nafx naqta' 'l quddiem b'xogħol u tbatija,*
*ma nafx inħoss l-indiema li niggżitek,*
*ma nafx inħalli t-tajn u ntir għad-dija.*

Marcell Mizzi